MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Numru 860/2006

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Gilbert Paul Spiteri, iben
Carmel, imwieled Pieta'
fis-27 ta' diċembru, 1983
u
Nicholas Camilleri, iben Amante,
imwieled Pieta' fit-23 ta' novembru, 1986
u
Luke Zammit, iben Marco,
imwieled Pieta' fis-16 ta'
diċembru, 1988

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fid-9 ta' mejju, 2006 għal ħabta ta' l-4.30 p.m. u\jew fix-xhur ta' qabel, u cioe' mill-1

ta' awissu, 2005 'l hawn, bħala mpjegati tas-soċjeta' S. Borg & Sons Co. Ltd. operaturi ta' l-istabilliment Park Towers Supermarket fi Triq George Borg Olivier, San Ġiljan, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. ikkomettew serq ta' kwantita' ta' minerali liema serq hu aggravat bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin u bil-persuna;
2. għamlu użu mhux sewwa minn xi karta jew karti fdati lilhom in bjank bil-firma biss, bi ħsieb ta' qliegħ, kitbu fuqhom xi ħaġa li tkun ta' ħsara għal persuna jew persuni oħra, jew, bl-istess ħsieb, żidu fuq karta jew karti mhux in bjank, fdati lilhom, xi kitba jew klawsola.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' novembru, 2006 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja ta' l-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat
l-artikoli 18, 261(ċ)(d), 267, 268, 279(a), 280(1) u 297 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u il-fatt ta' l-ammissjoni tagħhom fl-ewwel seduta ta' din il-kawża. Għalhekk, tikkundanna lill-imputati Gilbert Paul Spiteri u Nicholas Camilleri għal piena ta' tmintax il-xahar priġunerija kull wieħed minnhom. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputati jikkomettu reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Fil-konfront ta' Luke Zammit, li hu minuri, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------